31995E0150

POŻIZZJONI KOMUNI

tat-28 ta' April 1995

definita mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-Artikolu J.2 tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea dwar l-estensjoni tas-sospensjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq il-kummerċ mar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro)

(95/150/CFSP)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu J.2 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet 943 (1994), 970 (1995) u 988 (1995) adottati fit-23 ta' Settembru 1994, fit-12 ta' Jannar u fil-21 ta' April 1995 rispettivament mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti,

IDDEFINIXXA L-POŻIZZJONI KOMUNI LI ĠEJJA:

Artikolu 1

Skond ir-Riżoluzzjonijiet 943 (1994), 970 (1995) u 988 (1995) adottati fit-23 ta' Settembru 1994, fit-12 ta' Jannar u fil-21 ta' April 1995 rispettivament mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, is-sospensjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq il-kummerċ mar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro) għandha tkun estiża.

Artikolu 2

Din il-pożizzjoni komuni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussell, fit-28 ta' April 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

A. JUPPÉ